SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 5611

Illum il-Ħamis, 14 ta' Lulju 2011
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fit-8.00a.m

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## ASSENTI

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kunsilliera Caroline Galea infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv permezz ta' *e-mail* li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba mpenji tax-xogħol tagħha. Kopja ta' l-*e-mail* tal-Kunsilliera Caroline Galea qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 5511 li saret nhar it-Tlieta, 21 ta' Ġunju 2011 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

#### 1.1.1 *Reserved Parking*

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 3.2 tal-laqgħa preċedenti u tkellem dwar ir-*reserved parking bay* li saret fi Triq Maria De Domenicis quddiem Flats Indipendenza. Huwa qal li kieku tiġi ambulanza lanqas issib fejn tieqaf quddiem dan il-blokk.

#### 1.1.2 *Triq iż-Żafran*

Il-Viċi Sindku staqsa meta ħa jsir ix-xogħol fuq Triq iż-Żafran. Is-Sindku qal li l-kuntrattur qed jistenna li jidħol il-qatran ħalli jagħmel ix-xogħol fi Triq iż-Żafran.

#### 1.1.3 *Ġbir ta' Skart Separat*

Il-Viċi Sindku rrefera għas-servizz ta' ġbir ta' skart separat u staqsa kienx hemm żvilupp biex il-Kuntrattur preżenti jinbidel. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jitlob il-gwida tad-Dipartiment biex ikun jista' jtemm il-kuntratt preżenti għax is-sitwazzjoni issa ġiet intollerabbli. Huwa qal li minkejja li l-kuntrattur preżenti ngħata kull ċans biex itejjeb is-servizz, dan baqa' m'għamel xejn biex jipprovdi servizz sodisfaċenti. Is-Sindku qal li l-ilmenti li jidħlu l-Kunsill huma kontinwi u minkejja kull komunikazzjoni, sew bit-*telephone* kif ukoll bl-*e-mail,* l-i*skips* jibqgħu ma jitbagħttlux. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din is-sitwazzjoni u sostna l-pożizzjoni li kien ħa fil-laqgħa preċedenti, dik li għandu jinbidel il-kuntrattur preżenti.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-21 ta' Ġunju 2011 u l-14 ta' Lulju 2011 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 751/11/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Taħriġ fis-servizzi EGOV
- 758/11/I – The Malta Council for Culture and the Arts – *Cultural Calendar*

- 762/11/I – Santa Luċija Football Nursery – Kumitat Ġdid
- 763/11/I – Trasport Malta – *Road humps* fi Triq Katerina Vitale
- 765/11/I – Santa Luċija Football Nursery – Laqgħa għall-ġenituri
- 771/11/I – Transport Malta – *Road markings* fi Triq Dun M. Mifsud
- 773/11/I – Dipartiment għat-Tindif u l-Manutenzjoni – Kuntratt tat-Tindif u l-Manutenzjoni
- 778/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema Egov4u
- 790/11/I – Aġenzija Żgħażagħ – Kunsilli Lokali Żgħażagħ
- 795/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Routine Playground Inspection Training Session*
- 796/11/I – Residenta – Talba biex jitneħħew *parking bays* fi Triq id-Dawl
- 984/11/I – Clifford Vella – Ktieb Ġdid
- 985/11/I – Direttorat tal-Agrikoltura – Siġra taċ-Ċipress f'Dawret it-Torri
- 814/11/I – Għaqda Veterani Laburisti – Attivita' kulturali fi Ġnien is-Serenita'
- 816/11/I – Resident – Ilment

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- SLLC *Memo* 11/2011 – Xogħol ta' *major patching* fi Triq Katerina Vitale u Triq il-Fortizza.
- Avviż ta' sejħa għall-kwotazzjonijiet SLLC Q(57/11/05) – Xiri ta' materjal għall-manifattura ta' 15-il xkaffa, skrivanija u cupboard għal-Librerija Pubblika ta' Santa Luċija.

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 751/11/I u 778/11/I il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'dawn iż-żewġ skemi li jinkludu taħriġ għall-i*staff* tal-Kunsill u taħriġ għar-residenti fuq is-servizzi tal-*e-government*.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 781/11/I il-Kunsill ġie mitlub jinforma lil Kunsill Malti għall-Kultura u Arti dwar skeda ta' attivitajiet għal-perjodu bejn Ottubru u Diċembru 2011.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 762/11/I u 763/11/I is-Sindku qara ittra taċ-Chairman tas-Santa Luċija Football Nursery dwar il-kumitat ġdid li għandu dan il-Klabb. Is-Sindku nforma wkoll li kien ser jilqa' l-istedina biex jattendi għal-laqgħa li kienet ser issir għall-ġenituri tat-tfal membri tan-*nursery*. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Earnest Frendo u s-Sur Joe Attard tax-xogħol siewi li wettqu kemm damu jmexxu din il-Football Nursery.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 763/11/I is-Sindku qara ittra minn Transport Malta fejn il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba li reġa' għamel il-Kunsill biex isiru *road humps* fi Triq Katerina Vitale ma ġietx approvata.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 771/11/I il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta kienet ipproponiet li jsiru xi emendi fil-proposta tal-Kunsill biex isiru *parking bays* fi Triq il-Bruka. Il-Kunsill ġie mitlub biex jemenda l-proposta tiegħu kif indikat u jerġa' jibgħat pjanta emendata lil Transport Malta għall-approvazzjoni. Il-Perit tal-Kunsill għandha tiġi nkarigata tħejji dawn l-emendi hekk kif proposti.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 773/11/I il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment għat-Tindif u l-Manutenzjoni ser iwaqqaf il-kuntratt li kellu mal-Kunsill fir-rigward tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika. Fifatt dan s-servizz għandu jieqaf fil-31 ta' Awissu 2011.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 790/11/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Aġenzija Żgħażagħ qed terġa' tistieden lil Kunsill biex jipparteċipa fl-inizjattiva Kunsill Lokali Żgħażagħ. Ġie deċiż li l-Kunsill jara eżatt x'tinvolvi din l-applikazzjoni qabel jiddeċiedi.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 795/11/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsillier Joe Bonello kellu jattendi għal *training session* dwar *Playground Routine Inspection*.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 796/11/I il-Kunsill iddiskuta ittra ta' residenta li għandha garaxx fi Triq id-Dawl li qed titlob li jitneħħew żewġ *parking*

*bays* biex tkun tista' tidħol u toħroġ mill-garaxx. Id-deċiżjoni tal-Kunsill kienet li ma jitneħħewx *parking bays* li ilhom hemm hekk snin għax dan ser ikun ta' detriment għar-residenti li joqgħodu fl-appartamenti li hemm f'din l-*area* tant densa f'dik li hi abitanti. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kunsill ħa in-konsiderazzjoni li fil-binja fejn hemm dan il-garaxx, hemm mhux anqas minn 25 appartament u 25 appartament ieħor f'binja oħra fl-istess triq. Hemm ukoll numru ta' djar u b'kollox hemm madwar mitt familja joqgħodu f'din l-*area*. Għaldaqstant il-Kunsill ma laqgħax din it-talba.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 984/11/I il-Kunsill qabel li jixtri erba' kotba bl-isem ta' "L-Imtieħen tat-Tħin tal-Qamħ fil-Gżejjer Maltin".

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 985/11/I il-Kunsill ġie nfurmat li d-Direttorat tal-Agrikoltura ma sab ebda oġġezzjoni biex tinqala' siġra waħda taċ-Ċipress f'Dawret it-Torri.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 814/11/I il-Kunsill laqa' t-talba ta' l-Għaqda Veterani Laburisti biex itellgħu attivita' kulturali fi Ġnien is-Serenita'.

**3.13** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 816/11/I is-Sindku qara ittra ta' resident dwar xi ħsarat li għandu fil-gallarija ta' l-appartament fejn joqgħod u problemi tal-komun. Dan l-ilment għandu jiġi referit lill-Awtorita' tad-Djar.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Trasport Pubbliku*

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul is-sitwazzjoni tat-Trasport Pubbliku f'Santa Luċija. Ġew elenkati d-diversi nuqqasijiet li qed joħolqu inkonvenjent lir-residenti li jużaw dan is-servizz. Ġie deċiż li għandha tintbagħt ittra lil Arriva li fiha jiġu elenkati dawn in-nuqqasijiet ħalli jiġu ndirizzati kemm jista' jkun malajr.

### 4.2 *Manutenzjoni ta' Ġonna*

Is-Sindku tkellem dwar is-servizz ta' manutenzjoni u tindif ta' ġonna li għandu l-Kunsill bħalissa. Huwa qal li minbarra s-servizz ta' rutina huwa xtaq jara wkoll xi titjieb sinjifikanti f'dan is-servizz. Huwa qal li kien talab lil Dr Ronald Cuschieri biex jiltaqa' miegħu biex jiddiskutu dan is-servizz.

### 4.3 *Programm ta' l-Unjoni Europea – Italy- Malta 2007-2013*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li s-sejħa għal proġetti taħt il-programm hawn fuq imsemmi huwa miftuħ u li l-Kunsill hu nteressat li japplika għal dawn il-fondi. Huwa qal li fost il-proġetti li jistgħu jaqgħu taħt dan il-programm hemm dak tal-

*photovoltaic panels* f'Wied Garnaw li jistgħu jipproduċu sa 326 kilowot kuljum, hemm il-proposta ta' raddiena li taħdem bil-*wind energy* għal Jogging Track u l-Ġnien Ċiniż. Is-Sindku qal ukoll li l-*partners* ta' Gabiano diġa għamlu xi ħaġa simili u lesti jgħatu pariri tekniċi lil Kunsill fuq dawn il-proġetti.

### 4.4 *SLLC Q(57/11/01) Xiri u nstallazjoni ta' 4 LED Floodlights għall-5-a-side Football Pitch*

B'referenza għal kwotazzjoni hawn fuq imsemmija s-Sindku qal li kien iċċara xi punti dwar il-garanzija mal-kuntrattur Light and Shade u ser jinħareġ *purchase order* biex jinxtraw u jitwaħħlu 4 *floodlights* fil-5-*a-side Football Pitch*.

### 4.5 *SLLC Q(57/11/03) – Xiri u nstallazjoni ta' żewġ airconditioners għal-librerija pubblika*

Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjonijiet mitfuħa għas-sejħa li ħareġ il-Kunsill u li kienet tagħlaq fit-18 ta' Mejju 2011. Il-Kunsill irċieva dawn il-kwotazzjonijiet:

| | **Indirizz** | **Ammont (€)** |
|---|---|---|
| Panta Marketing | Panta House, Birkirkara Road, Msida | 3047.00 |
| Arjakon | Testaferrata Street, Ta' Xbiex | 1518.00 |
| Artech Innovative Solutions | Fleur De Lys Road, Birkirkara | 2550.00 |
| BT Commercials Ltd. | BT Buildings, 300, St. Thomas Str., Tarxien | 1980.00 |
| Clive Cutajar | | 2040.00 |
| C & S | 307, Quarries Street, St. Venera | 1195.00 |

Il-Kunsill qabel li jagħżel l-offerta l-aktar vantaġġjuża f'dak li hu prezz u kwalita.

### 4.6 *SLLC Q(57/11/04) – Provista ta' servizz ta' tisqija ta' green areas u ċanet ġo Santa Luċija*

Il-Kunsill iddiskuta żewġ kwotazzjonijiet għal servizz ta' tisqija tal-*green areas* fix-xhur tas-Sajf. Il-kwotazzjonijiet kienu kif ġej:

| **Kuntrattur** | **Ammont** | **Dettalji** |
|---|---|---|
| Ronald Bezzina | €100 | kull tisqija |
| Lino Micallef | €100 | kull tisqija |

Billi dawn il-kwotazzjonijiet kienu ndaqs il-Kunsill qabel li jixtri dan is-servizz mingħand Ronald Bezzina peress li fis-snin li għaddew diġa kien jagħti dan is-servizz ta' tisqija f'din il-lokalita' u l-Kunsill kien sodisfatt bis-servizz li ngħata.

**4.7 *Tea Room***

Is-Sindku rrefera għall-proġett tat-Tea Room u qal li bħalissa l-periti tal-Kunsill qed jaħdmu fuq l-istima nvoluta f'dan il-proġett. Huwa qal li huwa mportanti li l-Kunsill ikollu stima ta' dan il-proġett, sew jekk jiddeċiedi li jagħmel il-proġett hu, sew jekk japplika għal fondi u sew jekk isir mill-privat.

**4.8 *Żjara minn Delegazzjoni Ċiniża***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li fix-xahar ta' Awissu 2011 kienet ser tasal Malta delegazzjoni ta' esperti Ċiniżi li ser jaraw ix-xogħol involut biex issir rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li din l-inizjattiva qed tittieħed b'riżultat tat-talba li l-Kunsill għamel lil Gven Ċentrali għal manutenzjoni intensiva ta' dan il-Ġnien.

**4.9 *Festin fl-okkażjoni ta' Jum Santa Luċija***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser issir *Pasta Night* li għaliha ser jiġu mistidna l-volontiera kollha li ħadu sehem fl-attivitajiet li saru f'Jum Santa Luċija. Huwa qal li din ser issir fil-Ġnien Ċiniż nhar it-Tlieta, 29 ta' Lulju 2011.

**4.10 *Ħarġa***

Il-Kunsillier Joe Bonello nforma l-Kunsill li kien ser jorganizza ħarġa għal Għawdex.

**4.11 *Ilmenti u Suġġerimenti***

Il-Kunsill iddiskuta xi lmenti u suġġerimenti li saru minn residenta fi Triq il-Bruka u fi Triq iċ-Ċiklamini. Is-Sindku għandu jmur jara s-sitwazzjoni u x' jista jsir f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll ilment dwar siġar fi Triq iż-Żnuber. Is-Sindku qal li x-xogħol fuq *pruning* beda, iżda dawn is-siġar iridu jiġu pprunjati minn fuq għaldaqstant dan ix-xogħol irid jiġi ordnat lil ELC Ltd.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru 3618 sa numru 3651 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2011.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 5511.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Ġunju 2011 Ammont *Gross* €5349.27

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Asfaltar Construction Ltd. | RR/PW57/09/05 | 570 | 25125.00 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv.Ġunju 11 | 2061.50 |
| Cleansing Services Dept. | PC57 | Serv. Ġunju 11 | 491.35 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | PABX – Ġunju 11 | 84.16 |

6. **Sejħa għall-Offerti: JT(LED) 57/11/03 *Supply and Installation of a pole mounted LED lighting system***

Il-Kunsill iddiskuta s-sejħa għall-offerti għal kuntratt hawn fuq imsemmi li għalqet fis-27 ta' Ġunju 2011 u li għalija ntefgħu dawn l-offerti:

| Kuntrattur | Indirizz | Ammont (€) | Rimarki |
|---|---|---|---|
| Nexos Street Lighting Ltd. | 299/301, Triq Merbħa, Fgura | 5549.37<br>76830.95 | *Cost calculation (electricity)*<br>*Grand Total* |
| Brighter Solutions | 2/3, Tal-Balal Road, Xwieki | 6618.00<br>141181.73 | *Cost calculation (electricity)*<br>*Grand Total* |
| Calleja Ltd. | 31, Bishop Labini Street, Birkirkara | 10812.87<br>203150.55 | *Cost calculation (electricity)*<br>*Grand Total* |
| Megaline Ltd. | 163, St. Rocco Street, Birkirkara | 2661.46<br>63704.50 | *Cost calculation (electricity)*<br>*Grand Total* |

Is-Sindku qal li peress li dan kien proġett iffinanzjat mill-Awtorita' tad-Djar il-Kunsill kien talab biex ikun hemm rappreżentant ta' din l-Awtorita' fil-ftuħ ta' dawn l-offerti. Filfatt il-Perit Melanie Spiteri rrapreżentat lil Awtorita' tad-Djar waqt il-ftuħ ta' dawn l-offerti. Huwa kompla jgħid li billi kien hemm *budget* stabbilit għal dan il-proġett il-Kunsill kien qed jikkonsidra biss l-offerti li jqarbu l-aktar lejn l-ammont ta' fondi li l-Awtorita' tad-Djar qed talloka għal dan il-proġett. Huwa kompla jgħid li peress li l-Kunsill huwa marbut ukoll b'*deadline*, kien hemm qbil li jiġi nkarigat Inġinier biex iħejji *adjudication report* sad-data ta' din il-laqgħa. Is-Sindku qara l-*adjudication report* li kien jikkonkludi li Nexos Street Lighting kien il-kuntrattur li ssodisfa r-rekwiżiti kollha għal din l-offerta. Is-Sindku qal li kopja ta' dan ir-rapport ser jintbagħt lil Perit ta' l-Awtorita tad-Djar inkarigata minn dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li jekk l-Awtorita' tad-Djar tapprova dan ir-rapport il-Kunsill għandu joħroġ il-*letter of acceptance* minnufiħ ħalli jżomm mat-*timeframes* stabbilti mill-Awtorita'.

7. **Sejħa għall-Offerta RR(PPP) 57/11/02**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien aċċetta li jgħaddi lil Kunsill 30% tal-ammont ta' l-offerta li għandu l-Kunsill għas-sejħa hawn fuq imsemmija. Is-Sindku qal ukoll li peress li fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill ukoll irid joħroġ aktar flus milli kien ippjanat, ix-xogħol fuq it-tlett toroq ser jitaqassam kif ġej: Triq Ineż Soler issir din is-sena u Triq Ġuljetta Lopez u Triq il-Ġnien isiru fil-bidu tas-sena d-dieħla. Is-Sindku qal li d-Dipartiment ma sab l-ebda oġġezjoni biex ix-xogħol isir fiż-żmien li qed jipproponi l-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li l-kuntrattur kien irreveda rata li skond il-Perit tal-Kunsill kienet għolja wisq. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li joħroġ *letter of acceptance* lil kuntrattur Ritemix.

**TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fil-11.00 a.m.

Il-Kunsill jerġa jiltaqa' nhar it-Tnejn, 29 ta' Awissu 2011 fin-12.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati Ilum it-Tnejn, 29 ta' Awissu 2011**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**